# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## IMĦALLEF

## Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)

## Illum, 26 ta' Jannar 2022

Rikors Numru: 327/21 AL

A B

vs

C D

(MR Number 2141/1994)

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-guramentat mir-rikorrent li permezz tiegħu ppremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar ut-12 ta' Novembru 1994 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok KT1;

Illi frott ta' dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-atti tan-Nutar Dr. Sean Critien b'dan li mill-istess

kuntratt ta' separazzjoni jirrizulta li l-partijiet ilhom separati de facto mill-15 ta' Marzu 2017 (ara Dok. KT2 hawn anness);

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.

Illi ai termini tal-istess kuntratt (ara klawsola numru 5 tal-kuntratt ta' separazzjoni taghhom) il-partijiet kienu ddikjaraw li ddekadew mid-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin u ghalhekk il-partijiet jiddikjaraw li m'hemm ebda problema dwar manteniment;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi stante li r-rikorrenti Karmela Trkulja m'hijex ta' nazzjonalita Maltija u ma tifhimx bil-lingwa Maltija, tali rikors gie tradott ghal-lingwaIngliza;

Illi r-rikorrenti qeghda wkoll tannetti l-affidavit taghha li qed jigi mmarkat bhala Dok. KT3;

Talbet lill-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tat-2 ta' Settembru, 2021;

Semghet lill-intimat jiddikjara li ma' għandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqgħu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta' Lulju 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir res judicata, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.